MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Numru 527/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CHRIS GALEA SCANURA**

**KONTRA**

**GODWIN HAMPTON ta’ 57 sena, bin Anthony u Antonia nee’ Borg, residenti fil-fond 19, Triq Santu Rokku, Qormi, detentur tal-karta ta’ l-identita’ li ggib in-numru 854851M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi Godwin Hampton, li gie akkuzat talli:

1. Nhar il-21 ta’ Mejju, 2003, ghall-habta tas-7.30am, fi Triq il-Vitorja, Qormi, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAP 238, u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tajjar lil Emanuel

Cachia u involontarjament ikkagunalu offizi ta’ natura gravi per durata, skond kif iccertifika Dr John Caruana Galizia MD tal-Isptar San Luqa.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali sabiex din il-kawza titmexxa bi procedura sommarja;

Wara li rat li l-imputat wiegeb li mhux hati ghall-akkuza dedotta kontrieh fl-istadju tal-interrogatorju;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Xehed XPS 364 Joseph Mangani. Qal li hu mar fejn il-lok fejn gie mtajjar ragel go Triq il-Vitorja. Dan allegatament minn certu Godwin Hampton. Is-Surgent, dak iz-zmien, ma sabx lill-ferut fuq il-lok ta’ l-incident indikat lilu ghax gia kien ittiehed bl-ambulanza. Minn naha tieghu Hampton qallu li kien qasamlu bniedem minn naha l-ohra tat-triq, li rah f’daqqa wahda, zamm break, pero laqtu. Il-ferut minn naha tieghu qallu li kien se jitla’ l-bankina u gie milqut fuqi n-naha x-xellugija ta’ saqajh.

Xehed dan l-Ex Surgent li kien ha l-sketch mieghu u li l-anzjan li kien urieh il-lok ta’ l-incident u minn fejn qasam.

Jaghmel referenza ghar-rapport tieghu ezebit a folio 8, 9 u 10.

Ghalhekk jikkonferma in kontro ezami li l-vettura ma sofriet ebda dannu. Minn naha l-ohra fid-*driver’s statement* hemm imnizzel li meta d-*driver* (l-akkuzat) kien niezel, ‘rah f’hakka t’ghajn, zamm breat, u laqtu bil-*mudguard*’. Hawn id-*driver*, kif irrapporta s-Surgent, qal li l-anzjan ma jafx minn fejn qasamlu. Qal ukoll illi kellu x-xemx f’ghajnejh u ghamietu.

L-akkuzat ghazel li jixhed ukoll minn jheddu. Qal li stante li ibnu kien jahdem ma’ l-ADT u kien ghassa ta’ bil-lejl, kien

mar ghalih ghal xis-7.00pm u kien niezel lejn id-dar minn Hal-Luqa lejn Hal-Qormi. Ibnu kien passiggier. Qal li dahal minn New Street, waqaf fuq l-istop sign, meta ra li ma kienx hemm traffiku, hareg ghal go Victory Street. Jghid, u hekk hu, illi Victory Street kif tohrog minnha ftit metti 'l isfel tinfetah fi tnejn, cioe' zewg toroq, parti minnha Triq San Sebastian. Kien fejn din it-triq li ried imur l-akkuzat, ghalhekk jghid li mal-ewwel tefa' l-karozza lejn dik in-naha tat-triq. Jghid li kien miexi b'xi hames mili fis-siegha.

Jghid ukoll 'Meta gejt faccata ta' St Sebastian Street, rajt minn taht il-ghajn ragel tiela' mat-triq fejn in-naha tal-lemin tieghi qieghed jaqsam, imma ma kienx qieghed jidher li ser ikompli jaqsam u bqajt niezel bil-mod. Jien kif anki spjegajt, kont miexi b'velocita' baxxa hafna.' (folio

Jghid li lil dan ir-ragel kien rah minn taht il-ghajn. Ma qabilx kif hemm fir-rapport tas-Surgent li ghamietu x-xemx, jghid li din kelma goffa hafna. Issa qal li x-xemx kienet baxxa u li t-tarmac kien qieghed jirrifletti, pero xorta seta' jara t-triq ta' quddiemu li ghalih kienet *clear*. Qal li f'salt wiehed dan ir-ragel iddecieda li jaqsam, anzi li jkompli jaqsam. Jghid li zamm break mill-ewwel, pero x-xih lahaq ghamel pass jew tnejn ohra, waqat ezatt mieghu u baqa' fuq il-bonnet tal-vettura tieghu. Jghid l-akkuzat li dan habat rasu mal-pilastru tal-windscreen u tgerbeb ghal ma' genb il-karozza. Jghid l-akkuzat gie bejn il-bankina u l-karozza.

Xehed ukoll illi bint l-imwegga' wara l-incident widdbitu tali kien qasam minn dik in-naha tat-triq.

Dwar jekk laqatx jew le lix-xih, jghid li minn dan ma kienx cert, gia' ma kienx car jekk laqatx lill-ferut stante li ma sema' ebda hass fil-karozza. Kull ma jaf li waqa' fuq il-bonnet tal-karozza wara li hu kien waqaf.

Ezebixxa wkoll DOK GH li juri l-*layout* tat-triq fejn sar l-incident.

Neil Hampton, iben l-akkuzat xehed li wara li qalghu minn fuq l-istop sign, xi ghoxrin metro wara li lil dan f'daqqa

wahda, kien il-bniedem li waqa’ fuq il-bonnet. Jghid li missieru ha break fl-istess hin. Dan il-bniedem waqa’ ma’ l-art. Spjega hekk ‘Konna mexjin u f’daqqa wahda nara qisu dan id-dell niezel fuq il-bonnet fuq in-naha tieghi. Dell tal-persuna.’ (folio …). Jghid li dan il-persuna huwa ma rahiex qabel ma rah fuq il-bonnet.

Ikkunsidrat:

Illi in succinct din hija x-xhieda prodotta f’dan il-kawza, fil-fatt il-vittma qatt ma ttella’ jixhed in kwantu fil-bidu kien imwegga’ b’mod gravi – ara certifikat mediku DOK 12 u DOK 19 u r-rapport tas-Surgent, kif ukoll folio 7. Irrizulta wkoll illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri, il-vittma miet, pero mhux kagun ta’ l-incident.

Illi jidher li hemm certa konfuzjoni f’mohh l-akkuzat ghala u kif gara l-incident in dezamina. Fil-fatt kif qal is-Surgent li ha r-rapport – Mangani, dan (l-akkuzat) kien qallu li kienet ghammxitu x-xemx. L-akkuzat mera dan bhala ezagerazzjoni fix-xhieda tieghu, hawn qal biss li t-tarmac kien ileqq, pero li ra xi xih jaqsam. Anke iben ix-xhud a tempo vergine jghid li kien mghammex bix-xemx.

Tistaqsi allura din il-Qorti, jekk l-akkuzat ra fi kliemu lill-vittma jaqsam, qasam minn fejn qasam dan ix-xih, kif jista’ jiggustifika li dan ix-xih xorta baqa’ diehel gol-vettura tieghu. Dan xih ta’ certa eta’ li zgur li qatt ma seta’ kien gej b’xi speed kbir. Jekk allura dan ix-xih, skond it-tezi ta’ l-akkuzat, kien qieghed jaqsam, hasibha, kompla jaqsam u mbaghad habat gol-vettura, kif qatt spicca jahbat mal-mud guard tal-vettura, jitla’ fuq il-bonnet, jahbat mal-pilastru u jispicca bhala dell fuq in-naha tal-passiggier? Mela jew dan ix-xih kien atleta ta’ vera, jew gie mtajjar u mqabbez il-vettura, kif fil-fatt id-dinamika ta’ l-incident turi li gara. Dan fil-fatt kien rizultat tal-fatt li s-sewwieq ma rax lill-vittma. Xamx u tarmac ileqq jibqa’ dejjem oneru qawwi fuq is-sewwieq li joqghod attent ghal pedonu, anke jekk ta’ l-ahhar ghandu responsabbiltajiet tiehgu wkoll.

Issa li l-vittma spicca mwegga’ huwa zgur kagun ta’ l-incident in dezamina, pero ghalkemm din il-Qorti tibqa’ fid-

dubju ta’ kemm dan l-anzjan minn jeddu dahal fil-pilastru u fil-windscreen, il-provi f’dan ir-rigward huma skansi u ghaldaqstant qed tillkiberah lill-imputati mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------